# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2019**

**Kawża Nru 9**

**Rik. Nru. 289/13JRM**

Kevin **ABELA**

vs

Giuseppe **FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-25 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent jitlob li din l-Onorabbli Qorti (i) ssib lill-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta li seħħet fi Triq San Pietru, Ħal Kirkop, fl-24 ta' Awwissu, 2011, għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħodu, meta l-vettura tal-għamla *Rover* misjuqa mill-imħarrek bin-numru ta' reġistrazzjoni FBO 978 baqgħet dieħla ġol-vettura tal-għamla *Toyota Starlet* misjuqa mill-attur li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni KBO 397; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti għal dan il-għan, id-danni mġarrba minnu fl-imsemmija ħabta, magħduda dawk tal-ġrieħi li ġarrab li minħabba fihom għandu debilità li ma tgħaddix; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-

ispejjeż, magħduda dawk tal-Ittri Uffiċjali tal-25 ta' April, 2012, tas-16 ta' Mejju, 2012 u tal-25 ta' Marzu, 2013;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversamet presjeduta) tat-2 ta' Mejju, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tat-13 ta' Awwissu, 2013, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ammetta r-responsabbilità tiegħu għall-inċident. Jgħid, madanakollu, li m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż marbuta mal-ewwel talba attriċi. Jgħid wkoll li l-attur għandu jipprova x-xiljiet tiegħu ta' dannu mġarrab, u li fil-fatt ma hemm ebda dannu x'jiġi likwidat;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ottubru, 2013[2], li bih ħatret lill-konsulent Mr Massimo Abela bħala espert mediku;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tal-15 ta' Jannar, 2014[3], li bih laqgħet t-Talba mressqa mill-attur b'rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2013[4], sabiex flimkien mal-espert mediku maħtur qabel, ħatret ukoll lill-Psikjatra Anton Grech u lill-konsulent newrologu Mr Norbert Vella;

Rat li b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[5], din il-kawża kienet assenjata lill din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' April, 2014[6], li bih laqgħet t-Talba mressqa mill-attur fit-3 ta' Frar, 2014[7], sabiex, għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-konsulent newrologu Mr Norbert Vella jinbidel mal-konsulent newrologu Dr Josanne Aquilina;

Rat in-Nota tat-30 ta' Ottubru, 2014[8], li biha l-esperti maħtura mill-Qorti ppreżentaw r-Rapport Mediku tat-3 ta' Lulju, 2014;

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju, 2015[9], li bih il-Qorti ġiet mgħarrfa bil-mewt tal-imħarrek u l-proċess tal-leġittimazzjoni tal-atti;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2015[10], li bih laqgħet t-Talba mressqa mill-attur fit-8 ta' Ottubru, 2015[11], sabiex il-Qorti tordna li l-

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġġ. 31 sa 32 tal-proċess
[3] Paġ. 36 tal-proċess
[4] Paġ. 34 tal-proċess
[5] Paġġ. 39 sa 40 tal-proċess
[6] Paġ. 44 tal-proċess
[7] Paġ. 42 tal-proċess
[8] Paġġ. 54 sa 60 tal-proċess
[9] Paġ. 67 tal-proċess

kawża titkompla f'isem il-mejjet b'dan li s-sentenza tkun eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet ladarba ebda persuna ma ressqet talba biex tkompli l-kawża minflok il-mejjet[12];

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2015[13], li bih laqgħet in-Nota tal-5 ta' Frar, 2015[14], u tat żmien lill-avukat tal-imħarrek jew tal-werrieta tiegħu sabiex iressqu Nota ta' Kritika għar-rapport tal-esperti mediċi;

Rat in-Nota ta' Kritika mressqa mill-avukat tal-imħarrek fit-12 ta' Jannar, 2016[15];

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2016[16], li bih ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tat-23 ta' Mejju, 2016[17];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-9 ta' Settembru, 2016[18], bi tweġiba għas-Sottomissjonijiet tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-egħluq mill-avukat tal-attur[19];

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni mġarrbin f'ħabta bejn żewġ karozzi. L-attur jixli lill-imħarrek bir-responsabbilità għall-ħabta. Jgħid li se' jibqa' jbati disabilità għal dejjem u billi l-imħarrek baqa' ma jridx jaf dwar aċċettazzjoni ta' ħtija għal dak li ġara u għall-ħlas ta' kumpens, kellu jiftaħlu din il-kawża;

Illi, għal din l-azzjoni l-imħarrek aċċetta r-responsabbilità għall-inċident, iżda jgħid li ma kkawża ebda dannu lill-attur. Imieri l-fatt li l-attur

[10] Paġ. 72 tal-proċess
[11] Paġ. 69 tal-proċess
[12] Art. 810B tal-Kap 12
[13] Paġ. 75 tal-proċess
[14] Paġ. 65 tal-proċess
[15] Paġġ. 76 sa 79 tal-proċess
[16] Paġ. 112 tal-proċess
[17] Paġġ. 113 sa 122 tal-proċess
[18] Paġġ. 123 sa 133 tal-proċess
[19] Paġġ. 136 tal-proċess

tabilħaqq ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux u saħaq ukoll li l-attur imissu jressaq, jekk għandu, provi tad-dannu li jgħid li ġarrab;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta nhar l-24 ta' Awwissu, 2011, seħħet ħabta bejn tliet vetturi misjuqa mill-attur, mill-imħarrek u minn wieħed Andrea D'Alessio fi Triq San Pietru, f'Ħal Kirkop. Filwaqt li l-vetturi misjuqa minn D'Alessio bin-numru ta' reġistrazzjoni JBP 113 u dik misjuqa mill-attur bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO 978 kienu weqfin, l-imħarrek, li kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAO 397, baqa' dieħed ġol-vettura misjuqa mill-attur u din, bit-tisbita li ħadet, baqgħet dieħla ġol-vettura misjuqa minn D'Alessio[20];

Illi minn eżamijiet li saru fuq l-attur ħareġ li, b'riżultat tal-ħabta, l-istess attur baqa' jbati minn debilità psikoloġika u newroloġika. Huwa ġie ċċertifikat li jbati minn debilità li ma tgħaddix ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%). Sabiex itaffi l-uġigħ, l-attur għadu jieħu mediċinali[21];

Illi l-Qorti ħatret esperti mediċi fi tliet dixxiplini - ortopedika, psikjatrija u newroloġija, li sabu li l-attur ibati minn debilità li ma tgħaddix ta' sbatax fil-mija (17%)[22];

Illi jirriżulta li l-attur twieled fi Frar tal-1976, u fid-data tal-inċident kellu ħamsa u tletin (35) sena;

Illi l-attur jgħid li interpella lill-imħarrek permezz ta' żewġ Ittri Uffiċjali, tal-25 ta' April, 2012 u 16 ta' Mejju, 2012[23]. Fir-Rikors Maħluf tiegħu jgħid ukoll li ressaq ittra uffiċjali oħra dakinhar li fetaħ il-kawża;

Illi fil-25 ta' Frar, 2013, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, irid jingħad mill-bidunett li l-imħarrek jaċċetta l-ħtija tiegħu għall-ħabta, u għaldaqstant il-Qorti mhix ser tidħol fil-kwestjoni ta' x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni. Dak li ma hemmx qbil dwaru, u li għaldaqstant l-Qorti hija mitluba tistħarreġ, huwa d-dannu li ġarrab l-attur;

Illi dwar **id-danni mġarrba mill-attur**, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[24], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[25].

---

[20] Ara Dok. "KA1" *Road Traffic Accident Insurance Report* f'paġġ. 3 sa 10 tal-proċess
[21] Ara Dok. "KAZ" f'paġġ. 11 sa 15 tal-proċess
[22] Rapport tal-Periti Mediċi f'paġġ. 55 sa 60 tal-proċess
[23] Rikors Maħluf f'paġ. 2 tal-proċess
[24] Art. 1031 tal-Kap. 16
[25] Art. 1032(2) tal-Kap. 16

Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[26];

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-egħmil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kawżata minn dak l-egħmil[27];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attur qed jippretendi kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*), kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejjer iġarrab minħabba li baqa' ma fieqx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrab fl-inċident (*lucrum cessans*). Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-attur dwar l-ilmenti tiegħu u jidhrilha li hemm nisġa bejn l-inċident u dak li ġarrab l-attur wara l-ħabta. Minn dak li jissemma fir-*Road Accident Report*[28], meħud flimkien mal-fehmiet tal-esperti mediċi mqabbda minnha[29], li jaqblu ukoll mal-fehmiet tal-konsulent mqabbad *ex-parte*[30], il-Qorti tasal għall-fehma li d-debilità fiżika seħħet fil-ħin tal-ħabta u kienet effett dirett tagħha. Hija ħsara li ma tgħaddix. Mill-kostatazzjoni tal-periti mediċi, joħroġ li l-ħsara li ġarrab l-attur hija kemm psikjatrika, newroloġika kif ukoll ortopedika[31];

Illi kif ingħad mill-Qrati Maltin[32], *"mhux neċessarju li debilità permanenti tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilità psikika li timmanifesta ruħha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċità għax-xogħol ta' l-individwu. Li kien meħtieġ pero' hu li jiġi stabbilit lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li tali debilità kawżata minn debilità psikika tkun direttament kawżata mill-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-disabilità tkun waħda permanenti. .. .. Filwaqt li hemm diffikultà tal-prova f'dan il-kamp, ċertament ma jistax jiġi eskluż li jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-ħsara provokata minn inċident, anke stradali, ma tkunx daqstant fiżika daqskemm psikika. Filwaqt li jista' jkun li jkun hemm ħsara fiżika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluż li tali ħsara setgħet*

[26] Art. 1033 tal-Kap. 16
[27] Art. 1045(1) tal-Kap. 16
[28] Dok. "KA1" f'paġġ. 3 sa 10 tal-proċess
[29] Rapport tal-Periti Mediċi f'paġġ. 56 sa 60 tal-proċess
[30] Dok. "KA2" f'paġġ. 11 sa 15 tal-proċess
[31] *Ibid* paġġ. 56 sa 60 tal-proċess
[32] App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana***. Ara wkoll App. Ċiv. **2.0.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Xerri vs Joseph Rapa et***

*tipprovoka debilità psikoloġika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qligħ futur*";

Illi ntqal[33] ukoll li "*Għalkemm il-konklużjonijiet tal-perit mediku huma ta' rilevanza kbira għall-ġudikant sabiex hu jkun jista' jillikwida t-telf ta' qligħ futur tal-persuna diżabilitata, ma jfissirx li r-rata ta' inkapaċità medika ċċertifikata mill-esperti mediċi tikkorrispondi eżatt mar-rata tat-telf ta' qligħ futur tagħha u dan jiddependi minn persuna għal persuna u jrid jiġi eżaminat minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, ir-rata ta' diżabilità minn sens purament mediku li jasal għaliha tabib fir-rigward ta' persuna li titlef wieħed mis-swaba' tagħha ċertament li mhux ser tikkorrispondi mar-rata ta' telf ta' qligħ futur ta' dik il-persuna jekk dik il-persuna hija pjanista*";

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-kumpens li l-Qorti trid tasal għalih irid jitqies fuq l-ispejjeż li nefaq wara l-inċident b'konsegwenza diretta tal-incident (*damnum emergens*) u t-telf li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċità għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli. F'sens legali, tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv*"[34];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[35];

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li dak inhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu ħamsa u tletin (35) sena. L-attur jgħid li ġarrab *damnum emergens* fl-ammont ta' elf, sitt mija disgħa u għoxrin ewro, tlieta u tmenin ċenteżmi ta' ewro (€1,629.83c), flimkien ma' nefqa rikorrenti ta' erbgħin ewro (€40) fix-xahar f'mediċinali biex imewtulu l-uġigħ. Dan irid joħodhom għal għomru. B'sostenn ta' dan, l-attur ressaq numru ta' rċevuti taħt ġurament[36];

---

[33] App. Ċiv. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Abela et vs Carmel Spiteri et***
[34] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq no et*** (mhux appellata)
[35] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[36] Paġ. 83 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jiċħad dan. Jgħid li l-attur naqas li juri r-rabta bejn dawn l-irċevuti u l-inċident, u jitlob lill-Qorti biex tiskartahom[37];

Illi l-fatt li l-attur ħalef il-prospett dwar il-pretensjonijiet tiegħu tad- *damnum emergens* ma jfissirx li dan jeħles lill-Qorti milli tgħarbel il-provi dokumentali li huwa nnifsu ressaq b'sostenn ta' din il-kawżali tad-danni pretiżi. Mill-provi mressqa mill-attur jirriżulta li huwa ikkonsulta ma' sitt speċjalisti u jieħu erba' suriet ta' mediċinali[38]. Fost l-irċevuti mressqa mill-attur, jirriżultaw ismijiet ta' terapisti jew persuni oħra fil-qasam mediku li ma humiex fost il-lista ta' speċjalisti kkonsultati mill-attur, u għaldaqstant l-irċevuti li jġibu isimhom ser jiġu mwarrba[39]. Jirriżulta wkoll irċevuti li jirrappreżentaw visti li saru mill-attur ġo klinika ġewwa Ħaż-Żebbuġ li minħabba l-ammont żgħir flimkien man-nuqqas ta' spjegazzjoni għalihom, ukoll ser jiġu mwarrba[40]. Jibqa' għaldaqstant dawk ir-riċevuti maħruġa minn kliniċi stabbiliti li jilqgħu tobba u esperti fil-qasam mediku rilevanti, li l-Qorti sejra tilqa' bħala spejjeż minfuqa fuq visti mill-attur mad-diversi speċjalisti msemmija fir-Rapport tal-Periti Mediċi. Fit-total tagħhom, in-nefqiet magħmulin f'dawn il-visti jammontaw għal tmien mija u tnax-il ewro (€ 812);

Illi fir-rigward tal-mediċinali, tnejn mill-erba' mediċinali li l-attur jikkonsma fix-xahar jissemmew b'isimhom fost ir-riċevuti li l-attur ippreżenta[41]. Bejniethom, in-nefqa tal-attur għaż-żewġ mediċinali titla' għal sebgħa u għoxrin ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmi (€27.41). L-attur jgħid li fix-xahar jonfoq madwar erbgħin ewro (€40) f'mediċinali. Meta tqis l-ammont minfuq dwar tnejn mill-erba' medicinali li jrid jieħu regolarment, il-Qorti ma tarax bħala mhux minnha l-istqarrija tal-attur marbuta ma' nefqa ta' erbgħin ewro (€40) fix-xahar f'mediċinali. Għar-rigward tar-riċevuti l-oħra li tressqu mill-attur u li jirrappreżentaw nefqa ta' mediċinali wara l-inċident, il-Qorti fin-nuqqas ta' spjegazzjoni u minħabba li l-ammont tal-mediċinali mhux magħruf, ma tistax tilqagħhom bħala riċevuti marbuta mal-inċident. Għaldaqstant il-Qorti sejra tqis biss ir-riċevuti fl-ammont ta' tmienja u tletin ewro, disgħa u sebgħin ċenteżmi (€38.79)[42];

Illi dan iwassal biex il-Qorti tillikwida t-telf li l-attur ġarrab bħala *damnum emergens* fl-ammont ta' tmien mija u ħamsin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€850.79);

---

[37] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġġ. 126 sa 127 tal-proċess
[38] Rapport tal-Periti Mediċi f'paġġ. 57 sa 58 tal-proċess. Ara wkoll r-Rapport Mediku ta' Dr Galea Debono f'paġ. 12 tal-proċess
[39] Ara f'dan is-sens riċevuti f'paġġ. 87, 89, 92, 96, 98 sa 100 tal-proċess
[40] Ara f'dan is-sens riċevuti f'paġġ. 88, 91 sa 92, 95, u 97 tal-proċess
[41] Paġġ. 94 sa 95 tal-proċess
[42] *Ibid.*

Għar-rigward tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*), huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Kemm hu hekk huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It, too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest. ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[43]. Din id-distinzjoni tgħin biex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[44]. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[45]. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment[46]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddma li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[47]. Għalhekk, meta l-Qorti sejra tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien idaħħal, għall anqas sakemm dam jaħdem[48];

---

[43] Kemp (Ed) Damages for personal Injury and Death (3rd Edit) s. 3.02 - 3.03, f'paġ. 64
[44] App. Civ. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)
[45] App. Civ. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[46] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)
[47] Kemp. *Op cit* S 3.29 – 3.30, f'paġ. 73
[48] Ara Maġ. (Għ)AE **2.10.2007** fil-kawza fl-ismijiet ***Michael Camilleri noe et vs Direttur tal-Edukazzjoni et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.1.2010**)

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur ma jilmentax li b'riżultat tal-inċident naqqas mix-xogħol u għaldaqstant qed jaqla' anqas. Huwa jorbot id-dħul tiegħu ma' qligħ gross sena qabel l-inċident. Meta minn dan l-ammont titnaqqas it-taxxa tad-dħul u l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali jibqa' dħul nett ta' għaxart elef, disa' mija disgħa u disgħin ewro, sitta u tletin ċenteżmi (€10,999.36). Miżjud ma' dan l-ammont huwa dħul li l-attur jagħmel *part time*, dak ta' elf mitejn wieħed u disgħin ewro (€1,291) f'medda ta' sena. Meħuda flimkien, id-dħul nett ta' l-attur huwa ta' tnax-il elf, mitejn u disgħin ewro, sitta u tletin il-ċenteżmu ta' ewro (€12,290.36). Din is-somma tfisser dħul ta' mitejn sitta u tletin ewro, ħamsa u tletin ċenteżmu (€236.35) fil-ġimgħa meta dak iż-żmien il-paga minima kienet mija tlieta u ħamsin ewro, ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€153.45)[49] fil-ġimgħa. Il-paga minima llum telgħet għal mija tnejn u sebgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€172.51) fil-ġimgħa. Jekk wieħed kellu jqis il-paga minima dak inhar li l-attur korra, mqabbla mal-paga li kellu dak iż-żmien, jasal biex jaħdem fuq moltiplikand ta' mitejn ħamsa u sittin ewro, sebgħa u sittin ċenteżmi (€265.67) fil-ġimgħa jew tlettax-il elf, tmien mija u sbatax-il ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€13,817.29) fis-sena[50]. Il-Qorti sejra tadotta din is-somma bħala kejl bażi tal-kalkolu tagħha għaliex, fil-fehma tagħha, tirrappreżenta medja xierqa ta' dak li globalment kien mistenni jaqla' l-attur, meħud b'qies ukoll il-fatt ta' kemm fadal snin x'jinħadmu skond il-*multiplier* applikabbli għall-każ tiegħu;

Illi l-kwestjoni tal-grad ta' debilità mġarrab mill-attur marbuta mal-inċident, ħalaq kwestjonijiet bejn iż-żewġ partijiet minħabba li wieħed ried jiddetermina l-perċentwali tad-debilità fil-qafas tad-debilità globali tal-persuna jiġifieri f'dik li hija msejħa '*overall disability*';

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel linċident. F'dan il-każ, il-perċentwali tad-diżabilità jistgħu jiġu "*weighted*" f'perċentwali globali[51]. F'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tinqeda b'sistema mħaddem

[49] Ara S.L. 452.71
[50] €236.35 / €153.45 = 1.54 x €172.51 x 52 = €13,817.29
[51] Ara per eżempju P.A. RCP **7.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Bottone vs Rita Saliba et*** (mhix appellata)

f'oqsma ta' likwidazzjoni tad-danni magħruf bħala '*whole person impairment'*. Dan is-sistema jitħaddem ukoll fil-Qrati tagħna[52];

Illi fil-każ tal-konsulent mediku *ex parte* mqabbad mill-attur (iżda li huwa speċjalizzat f'fergħa waħda medika), dan sab li d-debilità tal-attur kienet ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%) maħduma skond formula matematika[53]. Min naħa tagħhom, il-periti mediċi maħtura mill-Qorti, fir-rapport tat-3 ta' Lulju, 2014, waslu għall-fehma li l-attur ġarrab debilità globali (skond l-ispeċjalizzazzjonijiet rispettivi tagħhom) ta' sbatax fil-mija (17%). Meta ttellgħu jixhdu in eskussjoni, iċċaraw li s-sbatax fil-mija hija aggregazzjoni ta' tliet debilitajiet li sabu fl-oqsma rispettivi tal-professjoni tagħhom. Stqarrew ukoll li sar eżerċizzju minnhom sabiex it-tliet rati ta' diżabilità jorbtuhom mal-'*whole body impairment*'[54]. Il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja s-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrek[55], għandha tadotta l-grad ta' debilità globali stabbilit mill-istess periti ta' sbatax fil-mija (17%);

Illi dwar l-għadd ta' snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak inhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tnejn u għoxrin (22) sena. F'dan il-każ, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant[56], li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[57];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[58]. F'dan il-każ, għalkemm l-attur fetaħ il-kawża tliet (3) snin wara l-inċident, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex iż-żmien li ħadet il-kawża biex tasal għall-għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[59];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' wieħed u ħamsin elf, sitt mija u sebgħa u sittin ewro, u sitta u sittin ċenteżmi (€51,676.66)[60];

---

[52] Ara, per eżempju, P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema*** (mhix appellata) u P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Thomas Tanti*** (mhix appellata)
[53] Paġ. 14 – 5 tal-proċess
[54] Ara x-xhieda tal-Perit Massimo Abela f'paġġ. 104 sa 105 tal-proċess
[55] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġġ. 130 – 1 tal-proċess
[56] App. Ċiv. **3.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Sammut vs Eric Żammit***
[57] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (konfermata, f'dan ir-rigward, mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)
[58] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[59] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
[60] €13,817.29 x 22 x 0.17 = €51,676.66

Ili jifdal li l-Qorti tillikwida n-nefqa rikorrenti li l-attur se' jkollu jibqa' jagħmel għax-xiri tal-mediċinali maħsuba li jrażżnu l-uġigħ li baqa' jsofri minħabba d-daqqa. Kif ingħad, din in-nefqa titla' llum għal madwar erbgħin euro (€ 40) kull xahar. Ma għandux ikun hemm dubju li n-nefqa għall-mediċini tiżdied minn żmien għal żmien. Il-Qorti sejra tllikwida din in-nefqa netta b'rabta mal-għadd ta' snin tal-multiplikatur adotat fil-likwidazzjoni tad-danni emerġenti. Għalhekk, taħt din ir-ras ta' danni emerġenti, il-Qorti qiegħda tilikwida s-somma ta' għaxart elef ħames mija u sitin euro (€ 10,560)[61]

Illi miġburin flimkien id-danni likwidati taħt iż-żewġ kawżali, il-Qorti qiegħda tillikwida lill-attur is-somma ta' tlieta u sittin elf u sebgħa u tmenin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€63,087.45)[62] bħala danni mġarrba fl-imsemmi inċident u li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek jew il-werrieta tiegħu. Fuq l-imsemmija somma għandu jibda għaddej mgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ millum sa ma titħallas is-somma likwidata;

Illi fl-aħħarnett, għar-rigward tal-**ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek, il-Qorti tqis li ma hijiex tajba. B'dik l-eċċezzjoni, l-imħarrek jgħid li huwa ma għandux jitgħabba bl-ispejjeż marbuta mal-ewwel talba, ladarba huwa kien aċċetta l-ħtija tiegħu għall-ħabta li ġrat;

Illi l-Qorti tqis li ladarba l-imħarrek baqa' ma resaqx b'mod bonarju għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur, ħadd ma jista' jlum lill-attur li kellu jiftaħ il-kawża. Lanqas ma jista' jingħad li l-attur seta' fetaħ kawża għad-danni bla ma jressaq l-ewwel talba, li hija talba ewlenija f'azzjoni ta' danni akwiljani. Li kieku l-attur fetaħ kawża biss b'talbiet għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas ta' danni, ma għandha l-ebda dubju li l-imħarrek kien iqajjem (b'raġun) eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi, sewwasew fuq in-nuqqas tar-rabta kawżali bejn il-ħtija tal-ġrajja li nisslet il-ħsara u l-ħsara mġarrba;

Illi l-aktar li jista' jittama l-imħarrek f'qagħda bħal din hija li, fil-qies tal-ispejjeż taxxati li jista' jsir, l-ammissjoni tiegħu tal-ħtija f'dak l-istadju bikri tal-kawża tnaqqas l-ammont ta' spejjeż kif maħsub fl-Iskeda tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imma żgur mhux li jinħeles minn kull dmir li jerfa' l-ispejjeż marbuta ma' dik it-talba;

Illi, għalhekk, il-Qorti qiegħda twarrab bħala mhix mistħoqqa l-imsemmija eċċezzjoni;

---

[61] € 40 x 12 x 22 = € 10,560
[62] € 850.79 + € 51,676.66 + € 10,560 = € 63,087.45

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi billi hija ammessa;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' tlieta u sittin elf u sebgħa u tmenin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€63,087.45);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-eredi tal-imħarrek sabiex iħallsu l-ammont ta' tlieta u sittin elf u sebgħa u tmenin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€63,087.45) flimkien mal-imgħax legali fuqha b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Todna** lill-eredi tal-imħarrek sabiex iħallsu **l-ispejjeż** kollha tal-kawża;

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**28 ta' Marzu, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**28 ta' Marzu, 2019**